# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 1062/2015/LSO**

**Dr Leontine Calleja ghan-nom u fl-interess tal-assenti Alexia Georgakopulos *sive* Alexia Georgakopoulos**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr Leontine Calleja bil-karta tal-identita` numru 272169 M ghan-nom u fl-interess ta' Alexia Georgakopoulos datat 10 ta' Novembru 2015 fejn esponiet:-

Illi nhar it-tmienja ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin gie registrat it-twelid ta' Alexia Stamatia Georgakopoulos li kienet twieldet fit-tmienja u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (28/08/1986) bin-numru ta' l-iskrizzjoni 3989 (kopja tar-registrazzjoni qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok A);

Illi ghal xi raguni fejn hemm referenza ghall-kunjom ta' l-omm u l-missier dan gie miktub hazin ghax flok inkiteb 'Georgakopoulos' kif kien ga gie registrat kemm fl-att taz-zwieg kif ukoll f'kull dokument li kellhom fejn saret it-traduzzjoni mil-lingwa Griega dan inkiteb Georgakopulos jigifieri l-ahhar ittri minflok POULOS inkiteb minghajr 'O' PULOS. (kopja tal-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok B);

IIli kull dokument illi ghandhom il-genituri taghha l-kunjom huwa indikat bhala GEORGAKOPOULOS (ara dokumenti annessi bhal karta tal-identita`, passaporti, kuntratt ta' separazzjoni u digrieti tal-Onorabbli Qorti taz-zewg genituri mmarkati bhala Dok C);

Illi kull licenzja tas-sewqan, passaport, kif ukoll karta tal-identita` li kellha l-esponenti kien dejjem bil-kunjom kif dejjem kienet maghrufa l-esponenti u sahansitra l-karta tal-identita` kurrenti li hija valida sal-wiehed u tletin ta' Jannar

tas-sena elfejn u dsatax (31/01/2019) hija korretta u l-ewwel darba li gie nnutat dan l-izball kien recentament meta sar it-tibdil fis-sistema tal-gvern ghax il-passaport il-gdid nhareg b'dan iz-zball fil-kunjom (kopji tad-dokumenti mmarkati bhala Dok D);

Illi l-esponenti qieghda ssib diffikultajiet kbar peress li id-dokumenti kollha taghha kemm tal-iskola, kif ukoll il-kwalifiki tal-universitajiet kemm ta' Malta kif ukoll ta' barra ghandhom il-kunjom kif dejjem kienet maghrufa l-esponenti u peress li qieghda tahdem barra minn Malta qieghda jkollha d-diffikultajiet peress li d-dokumenti ufficjali tal-identita` li huwa l-passaport mhux qieghed jaqbel mad-dokumenti kollha li nhargu f'isimha tul il-hajja taghha (Dokumenti mmarkati bhala Dok E);

Illi saret talba fil-Qorti tar-Rivizzjoni tal-Atti Notarili sabiex kull fejn hu miktub il-kunjom GEORGAKOPULOS dan jigi korregut bil-kunjom GEORGAKOPOULOS u dan gie accettat biss a rigward tal-kunjom tan-nannu patern u b'hekk fil-prezent fl-istess certifikat il-kunjom qieghed jidher kemm kif suppost u allura GEORGAKOPOULOS kif ukoll il-mod hazin u allura GEORGAKOPULOS (Digriet tal-Qorti tar-Rivizjoni tal-Atti Notarili datat Ottubru 2015 immarkat bhala Dok F).

Illi l-fatt illi l-kunjom tal-esponenti ma jaqbilx ma' dak tal-genituri taghha mhuwiex accetabbli u ghalhekk ghandu jigi ikkoregut qabel l-esponenti ma jkollha xi tarbija ghaliex f'dan il-kaz l-izball jista' jkompli sejjer ghal xi persuna ohra;

Illi l-esponenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha b'mod illi kull fejn jidher il-kunjom; propju fil-kunjom tal-missier Nikolaos, kunjom tal-omm Desiree u tal-missier patern Efstathios minflok il-kunjom GEORGAKOPULOS titnizzel il-kunjom korrett bhal tal-genituri taghha GEORGAKOPOULOS;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-attrici maghtul hajjitha kienet konsistentement maghrufa bhala Alexia bil-kunjom GEORGAKOPOULOS.

2. Tordna lill-konvenut jikkoregi l-Att ta' Twelid tal-esponenti biex kull fejn jidher il-kunjom Georgakopulos dan jinbidel u jigi kkoregut bil-kunjom GEORGAKOPOULOS.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta’ Frar 2016 (fol 61) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li gej;

1**.** Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b’ordni tal-Qorti, ta’ lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bħala *'Alexia Georgako**pulos** sive Alexia Georgako**poulos**'* u mhux *'Alexia Georgakopoulos' stante* li l-kunjom '*Georgako**p<u>o</u>ulos***' hekk kif miktub bl-"'O" miżjuda ma tappartjenix lilha skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, disa' mija, disgħa u tmenin (3989) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986); [*Enfasi tal-esponent*].

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda isejjes l-azzjoni tagħha ħalli b'hekk l-esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti tindika taħt liema disposizzjonijiet tal-liġi hija qiegħda torbot l-proċeduri istanti;

4. Illi bla preġudizzju, jidher illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija kontradittorja, *stante* illi r-rikorrenti qiegħda tagħmel referenza għall-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *"Tiddikjara li l-attriċi magħtul hajjitha <u>kienet konsistentement magħrufa bħala</u> Alexia bil-kunjom GEORGAKOPOULOS",* u fl-istess ħin qed titlob korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, disa' mija, disgħa u tmenin (3989) tas-sena elf, disa' mija,

sitta u tmenin (1986), abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;** [*Enfasi tal-esponent*].

5. Illi bla ħsara, l-esponent qiegħed jeċċepixxi l-premess għaliex l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tagħti l-fakulta sabiex din l-Onorabbli Qorti, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, u mhux b'kunjom ieħor. [*Enfasi tal-esponent*]; Illi l-esponent itenni illi jidher li r-rikorrenti intavolat l-azzjoni tagħha bl-intenżjoni li tikkoreġi kunjomha u mhux isimha, abbażi ta' żball allegat u mhux minhabba li f'hajjitha assumiet xi isem differenti. [*Enfasi tal-esponent*] B'hekk l-ewwel talba tar-rikorrenti msejsa kif inhi abbażi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma treġiex *stante* li talba għall-korrezzjoni għanda tiġi msejsa taħt l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi r-rikorrenti tista, jekk jogħġobha, titlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tagħha jiġu mibdula b'mod li t-talbiet tagħha jkunu jistaw jiġu inkwadrati taħt il-parametri tal-korrezzjoni msemmija fl-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi bla ħsara, f'każ illi l-ħames eċċezzjoni tal-intimat tiġi milqugħa, l-esponent jirrileva għal kull buon fini, illi l-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tiġi riflessa ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir *ai termini* tal-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. B'hekk l-korrezzjonijiet rikjesti mingħand

ir-rikorrenti għandhom jiġu indikati individwalment abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

7. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tlett elef, disa' mija, disgħa u tmenin (3989) tas-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986) ma hemm ebda kunjom imniżżel fir-rigward tat-tarbija u dan *stante* l-fatt illi f'Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u ħamsa (2005) ma kienx ikun hemm indikat il-kunjom tat-tarbija fuq l-Atti tat-Twelid, minħabba l-preżunzjoni illi l-ulied fiż-żwieġ kienu jassumu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' **Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Illi fil-każ *de quo*, isem u kunjom tal-missier it-tarbija ġie indikat bhala 'Nikolaos Georgakopulos' fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti skont ma kien ġie ddikjarat minn għand omm ir-rikorrenti, cioè Desiree Marie Georgakopulos, bħala d-dikjaranta fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti. Illi għaldaqstant ir-rikorrenti awtomatikament assumiet l-istess kunjom bħal dak indikat li jappartjeni lil missierha, ossja 'Georgakopulos' kif jidher fuq l-att tat-twelid tagħha;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma ssibx oġġezzjoni għall-korrezzjonijiet kif mitluba fir-rikors in risposta salv però li r-Reġistru Pubbliku m'għandux jinżamm responsabbli ta' din id-diskrepanza u dan għas-segwenti raġunijiet:

a Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti u ċioè s-sena elf, disa' mija, sitta u tmenin (1986), ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra

u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistriħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma il-veraċità tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi kif diġa ġie ritenut, id-dikjaranta fuq l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti kienet propju l-omm tar-rikorrenti, cioè Desiree Marie Georgakopulos, li tat l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluż id-dettalji ta' missier tar-rikorrenti, u saħansitra ffirmat dan l-istess att bħala wieħed korrett allura jidher illi aċċettat l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att innifsu. *Stante* li l-atti rispettivi qabel ma jgħaddu għar-reġistrazzjoni jiġu mogħtija lil min ikun għamel in-notifika sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-Att. Illi għaldaqstant mar-Registru Pubbliku, il-kunjom ta' missier ir-rikorrenti huwa reġistrat bħala 'Georgakopulos' *stante* li tniżżel skont ma kienet iddikjarat id-dikjaranta, Desiree Marie Georgakopulos;

B'hekk ma jirriżultax li sar xi nuqqas min-naħa tar-Reġistru Pubbliku u għaldaqstant m'għandhux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

9. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

10. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 18 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Leontine Calleja ghall-atturi u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur intimat. Rigward it-tieni (2) eccezzjoni Dr Calleja talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, talba mhix opposta, il-Qorti laqghet t-talba u ordnat l-korrezzjoni, kull fejn hu mehtieg. Dr Borg ghaddiet ruhha b'notifikata bir-rikors guramentat kif korrett. Dr Calleja iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Id-difensuri tal-partijiet qablu li dan hu kaz ta' zball *a tenur* tal-Art 253 (1) tal-Kap 16, u Dr Calleja ddikjarat li m'ghandhiex aktar atti biex tindika li ghandhom jigu korretti. Inoltre qablu li r-rikorrenti m'ghandhiex oggezzjoni li tbaghti l-ispejjez tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti qed taghmel din it-talba biex issir korrezzjoni ta' kunjomha minn "Georgakopulos" ghal "Georgakopoulos" *ai termini* tal-artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili li jaghti dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fis-16 ta' Novembru 2015 (fol 47) u b'hekk, l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

**Alexia Georgakopulos** xehdet b'affidavit (fol 53) u qalet li hi twieldet f'Malta fit-28 ta' Awwissu tal-1986 u giet registata fit-8 ta' Settembru 1986, u ghal xi raguni l-kunjom fl-att tat-twelid tnizzel bhala "Georgakopulos" minflok "Georgakopoulos". Qalet li kien biss recentement meta sar it-tibdil fis-sistema tal-Gvern u nbidel il-passaport taghha, u rat li l-passaport il-gdid hareg bi zball fil-kunjom peress li dawn isegwu c-certifikat tat-twelid. Spjegat li hija qed tirrissjedi fi Brussell u ghalhekk, dan l-izball fil-kunjom qed jikkrea diffikultajiet mal-Banek.

**Desiree` Georgakopoulos** xehdet b'affidavit (fol 57) u qalet li hi zzewget fit-28 ta' Jannar 1984 u kunjomha mizzewga kien dejjem imnizzel Georgakopoulos, u hekk hu mnizzel fic-certifikat taz-zwieg, u kif ukoll fil-karta tal-identita`, fil-passaport, u f'dokumenti ufficjali ohra.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti nomine recentementipprezentat rikors fil-Qorti ta' revizjoni ta' atti Notarili, izda t-talba giet

milqugha limitatament ghall-kunjom tan-nannu taghha fuq ic-certifikat tat-twelid, imma mhux ghal kunjomha. (fol 42)

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-mertu ta' din il-kawza.

Gie osservat li fil-kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-genituri tar-rikorrenti nomine, **Dok B** (fol 7) il-kunjom huwa mnizzel bhala "Georgakopoulos", u kif ukoll f' **Dok C** (fol 8-9) dokument tal-missier u fil-karta tal-identita` tal-omm, u fid-dokumenti kollha tal-genituri taghha annessi bhala **Dok D** (fol 11 sa 26), il-kunjom huwa dejjem imnizzel bhala "Georgakopoulos." Illi r-rikorrenti esebiet ukoll, kopja ta' kwalifiki u certifikati akkademici, (fol 27 sa 41) fejn kunjom ir-rikorrenti nomine huwa dejjem imnizzel "Georgakopoulos".

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hija sodisfatta li sar zball fil-mod kif tispelli l-kunjom tar-rikorrenti, meta saret ir-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid taghha.

Ghalhekk, il-Qorti ser takkolji t-talba tar-rikorrenti nomine u tordna l-korrezzjoni mitluba.

Illi gie dikjarat li r-rikorrenti nomine ma oggezzjonatx li tbaghti l-ispejjez tal-kawza (fol 66).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet

moghtija billi tiddikjara li sar zball fl-isem ta' missier ir-rikorrenti kif gie indikat erronjament fl-att tat-twelid taghha, billi kellu jigi imnizzel bhala 'Georgakopoulos.' Konsegwentement tordna lill-konvenut jikkoregi l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni 3989/1986 biex kull fejn jidher il-kunjom Georgakopulos dan jinbidel u jigi kkoregut bil-kunjom 'Georgakopoulos'.

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isir id-debita korrezzjoni ordnata hawn fuq.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *nomine.***

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**